# BEATI U QADDISIN...APRIL

## 2 ta' April

## San Frangisk di Paola

Hajtu kienet straordinarja sa mill-mument ta' twelidu, infatti Frangisku twieled fis-27 ta' Marzu 1416 minn koppja ta' udituri diga avvanzati fiz-zmien. Missieru Giacomo Alessio imsejjah il-"Martolilla" u ommu Vienna da Fuscaldo kienu ilhom jixtiequ tarbija mill-ewwel zmien taz-zwieg taghhom izda kien kollu ta' xejn. Ghalhekk talbu lil San Frangisk t'Assisibiex jintercedi ghalihom quddiem Alla u fl-ahhar ix-xewqa taghhom instemghet.



Bhala gratitudni semmewh Frangisku. Il-Qaddis ta' Assisi ghal darb'ohra intervjena fil-hajja tat-tifel: xahar wara twelidu ntebhu li kellu diffett f'ghajnejh u t-tobba qatghu jieshom li jsalvalu ghajnejh.

Ommu ghamlet weghda ma San Frangisk li tibghat lit-tfajjel f'kunvent ta' l-Ahwa Minuri ghal-sena shiha u tlibbsu l-abitu frangiskan skond l-uzanza ta' dak iz-zmien ghal min jaghmel il-vot ta' l-ilbies religjuz. Ftit jiem wara d-difett gheb ghal kollox. Rabbew, ghallmuh jikteb u jaqra u ma kien jonqsu xejn f'dak li kien necessarju. Meta ghalaq it-13 il-sena il-genituri tieghu baghtuh f'kunvent Frangiskan ta' San Mark Argentano go Cosenza biex izommu l-weghda taghhom.

Fil-kunvent huwa wera li kellu doti eccezjonali, kien jghaggeb lill-patrijiet meta kienu jarawh rieqed ma' l-art, jaghmel sawn kontinwu u jitlob hafna. Kienu jitkellmu fuqu bhala dak il-bniedem li jaghmel hwejjeg straordinarji bhal meta mitluf fit-talb gewwa il-kappella, nesa jixghel in-nar biex issir l-ikel ghall-patrijiet, allura meta nduna gera girja wahda ghall-kcina, fejn jaghmel bis-sinjal tas-salib xeghel in-nar u ftit mumenti wara l-ikel kien sar.

Wara li ghaddiet s-sena tal-weghda Frangisku ried jirritorna f'Paola fost id-dispjacir ta' hutu l-patrijiet u fi ftehim mal-genituri tieghu marru pellegrinagg Assisi fuq il-qabar ta' San Frangisk. Frangisku kien konvint li dak il-vjagg kien ser ikun ghalih l-indikazzjoni ta' xi trieq gandu jaqbad ghaz-zmien li gej.
Waqt il-pellegrinagg kien milqut hafna mill-istil ta' hajja ta' l-eremiti li kienu jghixu f'cellel imxerrda mal-muntanja, tant, li meta irritorna f'Paola iritira f'hajja kontemplattiva f'lok boghod xi kilometru mill-pajjiz u li kien propjeta' ta' missieru. Kienet is-sena 1429.

Wara xi zmien huwa sab kenn f'gorbog tal-qasab u wara sab post gewwa ghar li l-lum huwa konservat fis-santwarju ta' Paola. Ghal hames snin ohra huwa ghex hajja ta' penitenza u kontemplazjoni.

Il-fama taz-zaghzugh qaddis xterdet maz-zona u hafna kienu jigu ghall-pariri u konfort. L-ispazju kien zghir hafna u ghalhekk bena cella fuq art missieru u mar joqghod hemm. Wara ftit taz-zmien xi zaghzagh talbuh biex jinghaqdu mieghu biex jghixu l-hajja kontemplattiva fit-talb u s-solitudni.

Hekk fis-sena 1436 b'kappella u tlett cellel bdiet l-ewwel zerriegha tal-futur Ordni tal-Minimi bil-permess ta' l-isqof ta' Cosenza Mons Bernardino Caracciolo. L-ghaqda tieghu kompliet tikber tant li nhasset il-htiega li jkabbar il-post fejn kienu jghixu. Huwa kien jaghmel hafna prodigi bhal meta b'daqqa ta' bastun hareg l-ilma mill-blat biex jaqta' l-ghatx tal-haddiema. Il-qdusija tieghu xterdet ma' kullimkien tant li l-Papa Pawlu II (1464-1471) hass il-bzonn li jibghat prelat biex jivverifika dan kollu. L-istess Papa ma setghax japprovalu l-kommunita' tieghu minhabba li miet ghal gharrieda. Imma kien hemm il-barka ta' l-Isqof tal-lokal. Tlett snin wara waslet l-approvazzjoni tal-Papa Sistu IV (1471-1484) L-istemma ta' l-Ordni tieghu hija tarka bil-kliem "Imhabba".

Il-fama ta' dan il-patri ta' statura hoxna, bil-lejha u xaghar li huwa ma kien jaqta qatt, xterdet man-naha t'isfel u minhabba f'hekk kellu jitlaq minn Paola biex iwaqqaf aktar kunventi f'diversi lokalitajiet tal-Kalabrija.

Kien mitlub biex iwaqqaf komunita f'Milazzo gewwa Sqallija u ma' zewg fratelli wasal biex jaqsam l-Istreet ta' Messina. Talab lil Kaptan ta' dghajsa tas-sajd biex jiehdu fuq id-dghajsa u jwasslu n-nha l-ohra, izda meta ra li ma kellux biex ihallas, irrifjuta. Minghajr ma thaddaw xejn, Francesco rabat tarf tal-mantell tieghu mal-bastun u tela' flimkien maz-zewg hutu u qasam l-bahar b'dik id-dghajsa tal-qlugh maghmulha tal-mument.

Dan il-miraklu kien konfermat minn zewg xhud okulari, fosthom il-kaptan Pietro Colosa ta' Cotona, port zghira fuq il-kosta ta' Kalabrija, li sobghih hafna u qatt ma seta' jsib konfort ghar-rifjut tieghu. Mirakli ohra ghamel bil-bosta, fosthom li fejja il-morda, u qajjem il-mejtin.

Kien jaqbez ghall-fqar u jitkellem kontra min kien jahqarhom. Ir-re ta' Napli ra fih persuna perikoluza u baghat xi suldati biex jalqghulu halqu izda huma ma setghux jarawh ghax ghamelu lilu niffsu nvisibbli. Fl-ahhar ir-re ikkalma u tah il-permess li jiftah kunventi kemm irid anzi stiednu jiftah wiehed gewwa Napli.

Sehh avvenimet li bidillu hajtu. Ir-re Luigi XI ta' Franza kien marid serjament u wiehed negozjant taljan kellem lil wiehed qrib tar-re biex isejjah lil qaddis halli jfejqu. Ir-re baghat qaddejj tieghu ghand il-qaddis gewwa Kalabrija izda Francesco ma riedx minkejja li r-re ta' Napli kien approva it-talba tieghu. Allura r-re talab lil Papa Sistu IV li minhabba mottivi ekonomici u politici ma riedx jmur kontra x-xewqa tar-re u ghaldaqstant obbliga lill-qaddis biex jitlaq lejn Franza. Minkejja li kien xjieh u kien ukoll marid, il-qaddis obda u telqilha lejn Franza.

F'Mejju tas-sena 1489 wasal fil-palazz tar-re Luigi XI u fi triqtu heles minn epidemija lill- post ta' Bormes e Frejus. Kien milqugh b'rispett kbir mill-qorti tar-re. Minkejjea li r-re talbu biex ifejqu, Francesco qallu biex jiehu kollox minn idejn Alla u jaccetta li tmiemu kien fil-qrib. Ir-re rranga xi differenzi li kellu mal-knisja qabel ma miet.

Wara l-mewt tar-re talab biex jmur lura l-Kalabrija izda s-successuri tar-re opponew ghaliex riedu jzommuh bhala kunsillier taghhom u direttur spiritwali. Hawn huwa qatta' l-ahhar jiem ta' hajtu fi Franza fejn ipperfezjona r-regola tieghu, waqqaf is-sekonda ordni u anke t-terz'ordni riservata ghal lajci.

Huwa miet fit-2 ta' April tas-sena 1507 gewwa Franza meta kellu 91 sena. Il-qabar tieghu sar lok ta' pellegrinaggi izda ma helisiex mill-profanazzjoni meta l-Ugonotti harqu l-gisem tieghu u ma hallewx hlief irmied u ftit ghadam.

Il-Papa Ljun X ghamlu beatu fis-sena 1513 u sitt snin wara ddikjarah qaddis. Il-ftit relikwi li fadal gew ukoll profanati waqt ir-rivoluzzjoni franciza. Izda fl-ahhar il-fdalijiet tieghu sabu ruhhom gewwa is-Santwarju ta' Paola fejn huwa meqjus bhala il-patrun tal-belt .